IL-FGURA

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Fgura**

# Laqgħa Nru. 51/2016

Data: It-Tnejn 24 ta' Ottubru, 2016

Ħin: 18:30 hrs

Post: 68, 'Dar il-Kunsill', Triq il-Karmnu, Il-Fgura

---

| | |
|---|---|
| Preżenti: | Dr. Byron Camilleri – Sindku<br>Sur Pierre Dalli – Viċi Sindku<br>Sur Ray Deguara – Kunsillier<br>Sur Saviour Camilleri -Kunsillier<br>Sur Charles Bonello – Kunsillier<br>Sur Ryan Ellul – Kunsillier<br>Sur Rene' Zammit – Kunsillier<br>Sur Jesmond Zammit |
| | Sra Beverly Saliba - Segretarju Eżekuttiv |
| Skużati: | Sur Mark Lombardo |
| Assenti: | L-ebda Kunsillier. |

---

## AĠENDA

1. **MINUTI**
2. **PUNTI MQAJMA MILL-MINUTI**
3. **KORRISPONDENZA**
4. **PURCHASE REQUEST FORMS**
5. **ĦLASIJIET**
6. **MEMOS U KOMUNIKAZJONI MID-DIPARTIMENT TAL-GVERN LOKALI**
7. **TENDERS, QUOTATIONS, KUNTRATTI U OFFERTI**

**8. PROĠETTI, TOROQ U XOGĦOLIJIET INFRASTRUTTURALI**

**9. KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU**

**10. PROGRESS TA' ĦIDMA MILL-MEMBRI TAL-KUNSILL**

**11. ILMENTI U TALBIET LILL-KUNSILL**

**12. TRAFFIC MANAGEMENT**

**13. ATTIVITAJIET, INIZJATTIVI**

**14. JUM IL-FGURA, HAJR IL-FGURA, GIEH IL-FGURA**

**15. MOZZJONIJIET**

**16. MISTOQSIJIET**

**17. AĠĠORNAMENT**

**Minuti - 51/2016**

## 1. Qari u approvazzjoni tal-Minuti

**1.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 4388/16/7 "Sabiex jiġu approvati Minuti 26 ta' Settembu, 2016". Din kienet sekondata mis-Sur P Dalli. Ittieħed vot. Approvazzjoni tal-Minuti

Il-mozzjoni ref: 4388/16/7 ġiet approvata unanimament.

## 2. Punti mqajma mill-Minuti

**2.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 4389/16/7 sabiex minuti ta' 17 ta' Ottubru, 2016 jiġi emendat fejn fl-ewwel paragrafu jiġi jinqara Jesmond Zammit u mhux Jesmond Zerafa. Din kienet sekondata mis-Sur P Dalli. Ittieħed vot. *Emenda*

Il-mozzjoni ref: 4389/16/7 ġiet approvata unanimament.

**2.2** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 4390/16/7 "Sabiex jiġu approvati Minuti 17 ta' Ottubru, 2016 hekk kif emendati". Din kienet sekondata mis-Sur P Dalli. Ittieħed vot. *Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa b'urġenza.*

Il-mozzjoni ref: 4390/16/7 ġiet approvata unanimament.

## 3. Korrispondenza

**3.1** Ma tqajjem ebda punt f'dan ir-rigward.

## 4. Purchase Request Forms

**4.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 4391/16/7 "Sabiex jiġu approvati PRFPO for CM 24/10/16" (ara 'DOK A' anness). Din kienet sekondata mis-Sur Pierre Dalli. Ittieħed vot. *PRFPO*

Il-mozzjoni ref: 4391/16/7 ġiet approvata unanimament.

## 5. Ħlasijiet

**5.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 4392/16/7 "Sabiex jiġu approvati ħlasijiet 27/09/16 sa 17/10/16-24/10/2016". (ara 'DOK B' anness). Din kienet sekondata mis-Sur P Dalli. Ittieħed vot. *Approvazzjoni tal-ħlasijiet*

Il-mozzjoni ref: 4392/16/7 ġiet approvata unanimament.

**5.2** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 4393/16/7 "Sabiex jiġu approvati ħlasijiet 18/10/16 sa 24/10/16 - 24/10/2016 (ara 'DOK C' anness). Din kienet sekondata mis-Sur P Dalli. Ittieħed vot. *Approvazzjoni tal-ħlasijiet*

Il-mozzjoni ref: 4393/16/7 ġiet approvata unanimament.

## 6. Memos

**6.1** Ma ġiet diskussa ebda memo.

## 7. Tenders

**7.1** Ma ġiet diskussa ebda Tender.

## 8. Proġetti, Toroq u Xogħolijiet Infrastrutturali

**8.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 4394/16/7 " Sabiex isir patching quddiem 54, Triq Ġorġ Stevens - 24/10/2016 Din kienet sekondata mis-Sur S. Camilleri. Ittieħed vot. *Patching fi Triq G. Stevens*

Il-mozzjoni ref: 4394/16/7 ġiet approvata unanimament.

**8.2** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 4395/16/7 "Sabiex isir patching quddiem 18. Triq l-Għollieq - 24/10/2016". Din kienet sekondata mis-Sur S. Camilleri. Ittieħed vot. *Patching fi Triq l-Għollieq*

Il-mozzjoni ref: 4395/16/7 ġiet approvata unanimament.

8.3 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 4396/16/7 "Sabiex issir tkomplija tal-bankina fi Triq William Lasell il-parti fejn hemm daħla tal-garaxxijiet - 24/10/2016.". Din kienet sekondata mis-Sur P Dalli. Ittieħed vot.

*Tkomplija ta' bankina*

Il-mozzjoni ref: 4396/16/7 ġiet approvata unanimament.

8.4 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 4397/16/7"Sabiex isir patching quddiem Etienne Flats, Triq Olaf Palme - 24/10/2016. "Din kienet sekondata mis-Sur S. Camilleri. Ittieħed vot.

*Patching fi Triq Olaf Palme*

Il-mozzjoni ref: 4397/16/7 ġiet approvata unanimament.

8.5 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 4398/16/7" Sabiex isir patching Triq il-Malvizz fil-karreġġjata tan-nofs - 24/10/2016. " Din kienet sekondata mis-Sur S. Camilleri. Ittieħed vot.

*Patching fi Triq il-Malvizz*

Il-mozzjoni ref: 4398/16/7 ġiet approvata unanimament.

## 9. Komunikazzjoni mis-Sindku

**9.1** Is-Sindku informa lil-kamra dwar applikazzjoni li hemm għand il-MEPA mingħand il- Fornaio Bakery biex ikabbar l-operat tiegħu. Il-Kunsill Lokali kien preżenti għas- seduta li saret fil- 21 ta' Ottubru, 2016 fejn oġġezzjona għal dan it-tkabbir. L-appell minn naħa tal-Kunsill ġie milħuq mill- l-Awtorita' tal-ippjanar bi tlett voti kontra l-applikazzjoni u xejn voti favur tal-Fornaio.

*Fornaio Bakery*

**9.2** Is-Sindku informa lil-kamra li, fejn flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv, fit-8 ta' Ottubru, 2016 sar l-iffirmar tal-kuntratt tal-Iskema Finanzjament Proġetti Kapitali. Żied jgħid illi 75,000 ewro ser jingħataw mal-firma tal-kuntratt u differenza ta' 25,000 elf ewro ser tingħata hekk kif jitlesa x-xogħol.

*Proġett Civic Centre*

**9.3** Is-Sindku rrefera għal Budget 2016, fejn tkellem fuq il-Proġett Ambjentali u Sportiv ġewwa l-Lokalita' tal- Il-Fgura. Dan il-proġett ser ikun jikkonsisti fi ġnien fi Triq Valperga, walking u jogging track, żoni ta' rilassament, pitch Sportiv u anke Scouting area. Biswit il-ġnien għandu jkun hemm BWX track.

*Proġett Sportiv Triq Valperga*

**9.4** Is-Sindku informa lil-kamra li bħalissa għaddejjin il-preparamenti għal attivitajiet tal-Milied. Qal li waħda mill-attivitajiet ser tkun fejn l-anzjani u l-familja tagħhom jistgħu jingħaqdu magħna għal mawra f'Għawdex. Is-Sur Ray Deguara flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv qed jaħdmu biex jiffinalizaw il-programm.

*Marwa f'Għawdex għal anzjani u l-familja tagħhom*

## 10. Progress ta' Ħidma mill-Membri tal-Kunsill

**10.1** Ma tqajjem l-ebda punt f'dan ir-rigward.

## 11. Ilmenti u Talbiet lill-Kunsill

Ma tqajjem l-ebda punt f'dan ir-rigward.

## 12. Traffic Management

Is-Sindku informa lil-kamra li għandha titwaħħal U-Bar fi Triq Bormla u ser inqabdu lil-B.Grima biex jagħmel dan ix-xogħol.

*U – bar f' Cospicua Road*

Is- Sur Charles Bonello qal li xi xogħolijiet li kellhom issiru minn l-istess B. Grima kienu għadhom ma sarux. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil-mejda li bħalissa qed issir il-kommunikazzjoni meħtieġa għal appuntament mal-istess kuntrattur biex fil-jiem li ġejjin jitfassal il-pjan ta' kif ser jitqassam u fl-aħħar mill-aħħar isir ix-xogħol.

*Xogħolijiet pendenti minn B. Grima*

Is-Sindku informa lill-Kunsill li qal li qed isiru taħdidiet mal-WSC sabiex jiġu rranġati ċertu ħsarat li seħħu mill- WSC bil-hot asphalt.

*WSC*

## 13. Attivitajiet , Inzjattivi

**13.1** Is-Sindku ressaq Resoluzzjoni ref: 4399/16/7 "Sabiex waqt f' Jum il-Fgura Pierre Dalli jtella l-offertorju minflok Jesmond Zammit.- 24/10/2016". Din kienet sekondata mis-Sur P Dalli u mis-Sur Ray Deguara. Ittieħed vot.

Offertorju

Il-mozzjoni ref: 4399/16/7 ġiet approvata unanimament.

## 14. Jum il-Fgura, Ħajr il-Fgura, Ġieħ il-Fgura

**14.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 4400/16/7 "Sabiex is-Sur Frans Abela jiġi onorat b' Ġiħ il-Fgura". Din kienet sekondata mis-Sur S. Camilleri. Ittieħed vot

Il-mozzjoni ref: 4400/16/7 ġiet approvata unanimament.

## 15. Mistoqsijiet

**15.1** Ma saret ebda mistoqsija.

## 16. Aġġornament.

**16.1** Il-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 22 ta' Novembru, 2016, fis-18:30 hrs.

Il-laqgħa ntemmet fis-19:25 hrs.

IFFIRMATA

______________________

*Dr. Byron Camilleri*
*Sindku*

IFFIRMATA

______________________

*Sinjura Beverly Saliba*
*Segretarju Eżekuttiv*

Data: 24 *ta' Ottubru, 2016*